# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.6

## Kap 2: Ejja nsiru aħjar

## Lezzjoni 2.6: X'nara mill-mera?

## L-Għanijiet:



**L-istudenti:**

1. Jitkellmu dwar l-identità tagħhom u jqabbluha ma' ta' Ġesù.
2. Jifhmu u jirrevedu l-kunċett li aħna differenti minn xulxin.
3. Jagħrfu l-kwalitajiet li kulħadd għandu.
4. Jisimgħu s-silta Luqa 2, 40 u tiġi spjegata.
5. Jifhmu l-importanza li Ġesù kien jagħti lill-Iskrittura u lit-tagħlim.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- 2.6 worksheet

- *Il-ħajja tiegħi u ta' Ġesù - addizzjonali*



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Spjega: Wara li rajna l-kultura li kien jgħix fiha Ġesù, issa ħa nqabblu l-ħajja tiegħu ma' tagħna.
- Mat-tfal agħmel brainstorming tal-affarijiet simili li għandna fil-kultura tagħna: il-bini tad-djar, l-ambjent ġeografiku, il-klima, id-drawwiet, eċċ.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Ikteb il-kelma IDENTITÀ u staqsi lit-tfal jgħidu x'jifhmu b'din il-kelma. Asal għall-punt li l-identità tiegħi hija dik li tagħmilni dak li jien.

2. Spjega: L-Evanġelji jisħqu li Ġesu' kien bħalna f'kollox barra fid-dnub. Bħali, Ġesù kellu l-identità tiegħu magħġuna mill-kultura Lhudija u d-drawwiet ta' żmienu. Minkejja li fl-Evanġelji ftit għandna tagħrif dwar is-snin bikrin ta' Ġesù nafu li kien jieħu l-istudju tal-Iskrittura bis-serjetà. Hu baqa' jikber fl-għerf u fil-grazzja. Dan il-vers jixħet dawl kemm Kristu kien jieħu d-dmirijiet tiegħu bl-akbar serjetà.

3. Iddiskuti: Taħseb li l-kwalitajiet li għandna jixbhu dawk li kellu Ġesù? Ġesù kien bħalna u allura nistgħu naħdmu biex nixbhuh.

4. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.6 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex jirrevedu filwaqt li jiddiskutu flimkien Attività 1. Wara jkun hemm ħin biex jerġgħu jirrevedu l-kwalitajiet ta' Ġesù u fuq bażi individwali jniżżlu l-kwalitajiet li jaqblu bejnhom u bejn Ġesù.

5. Stieden lit-tfal biex jaqsmu mal-klassi dak li jkunu kitbu.



6. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti mat-tfal biex huma jaslu jniżżlu l-għajnuniet li jsibu biex jiksbu l-identità tagħhom u jitgħallmu.

7. Asal għal Attività 3. Oħloq diskussjoni dwar l-importanza tat-tagħlim biex jiksbu l-identità tagħhom.




8. Jekk trid agħti qassam il-*handouts* addizzjonali lit-tfal u u għinhom jimlewhom.

9. Agħlaq bit-talb tagħhom stess.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. L-identità tiegħi turi jien min jien.
2. L-identità ta' Ġesà kienet magħġuna fil-kultura Lhudija.
3. Irridu naħdmu biex nixbhu lil Ġesu.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Kif Ġesu' kellu l-missjoni tiegħu , l-identità tiegħu, li wasslitu biex wettaq ir-rieda t'Alla għalih, it-tfal juru xewqa biex jaraw kif Ġesù qiegħed jurihom li jħobbhom fil-ħajja tagħhom u allura huma jridu juruh li jħobbuh ukoll.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**



**Nitolbu**



Ġesù, kemm nixtieq nagħraf xi pjan għandek għalija! Kemm nixtieqek tgħinni nagħraf it-talenti tiegħi ħalli nkun nista' nibni l-futur tiegħi fuqhom sabiex la nikber jien ukoll nkun nista' nagħti s-servizz tiegħi lis-soċjetà.